A.L. 152 tal-2010

ATT DWAR L-IMPIEGI U R-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI (KAP. 452)

Ordni tal-2010 li jemenda l-Ordni tal-Kunsill tal-Pagi għal Sagristani u Kustodji

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 4 u 48(2) tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, il-Prim Ministru għamel dan l-Ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni huwa Ordni li Jirregola l-Pagi tal-2010 li jemenda l-Ordni tal-Kunsill tal-Pagi għal Sagristani u Kustodji u għandu jinqara u jinftiehem bħala ħaga waħda ma' l-Ordni li Jirregola l-Pagi tal-1996 tal-Kunsill tal-Pagi għal Sagristani u Kustodji, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-ordni prinċipali".

A.L. 6 tal-1996.

Jemenda l-Iskeda mal-ordni prinċipali.

2. Fl-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali:

(a) f'paragrafu 2 tagħha:

(i) minflok it-tifsira "impjegat *part-time*" għandha tidħol din li ġejja:

" "impjegat *part-time*" tfisser impjegat li s-sigħat normali tax-xogħol tiegħu, kalkolati fuq bażi ta' ġimgħa jew fuq medja tul perjodu ta' impieg sa sena, huma inqas mis-sigħat normali tax-xogħol ta' impjegat *whole-time* komparabbli u li ma jkunx impjegat *whole-time* b'sigħat imnaqqsa;"; u

(ii) minflok it-tifsira "impjegat *whole-time*" għandha tidħol din li ġejja;

" "impjegat *whole-time*" tfisser impjegat li hu meqjus bħala impjegat *whole-time* skont xi kondizzjonijiet magħrufin tal-impieg."; u

(b) minflok il-paragrafu 9 tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"9. (1) Wara sena servizz, impjegat *whole-time* għandu f'kull sena kalendarja jkun intitolat għall-ekwivalenti f'sigħat ta' għoxrin jum *leave* għall-mard b'paga sħiħa, nieqes ammont ugwali għas-somma stabbilita bħala dritt tal-benefiċċju għall-mard bir-rata stabbilita taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, u impjegati *part-time* għandu jkollhom dritt *pro rata* għal-*leave* tal-mard f'sigħat b'paga sħiħa, nieqes ammont ugwali għas-somma stabbilita bħala dritt tal-benefiċċju għall-mard bir-rata stabbilita taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, u dak l-ammont għandu wkoll jiġi kalkulat fuq bażi *pro rata*;

Kap. 318.

Iżda -

(a) l-ewwel tlett ijiem ta' kull talba għal-*leave* tal-mard għandhom jitħallsu interament mill-prinċipal;

(b) ċertifikat mediku li jkopri l-perjodu ta' l-assenza għandu jiġi ppreżentat lill-prinċipal fil-ġurnata tar-ritorn lura għax-xogħol jew, jekk dak il-perjodu ta' assenza jaqbeż sebat ijiem, fi żmien sebat ijiem mill-bidu tal-assenza minħabba *leave* għall-mard;

(ċ) impjegati li jirċievu pensjoni tas-sigurtà soċjali fir-rigward ta' irtirar jew benefiċċju tar-romol skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali għandhom, għall-iskop ta' kalkolu ta' ħlas tal-*leave* għall-mard dovut, jitqiesu li rċevew ammont ugwali għas-somma stabbilita bħala dritt tal-benefiċċju għall-mard bir-rata stabbilita taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali.

(2) Wara sena servizz, impjegat *whole-time* għandu f'kull sena kalendarja jkun intitolat għall-ekwivalenti f'sigħat ta' għoxrin jum ieħor *leave* għall-mard b'nofs paga, nieqes ammont ugwali għal nofs is-somma stabbilita bħala dritt tal-benefiċċju għall-mard bir-rata stabbilita taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, u impjegati *part-time* għandu jkollhom dritt *pro rata* għal-*leave* għall-mard f'sigħat b'nofs paga, nieqes ammont

ugwali għal nofs is-somma stabbilita bħala dritt tal-benefiċċju għall-mard bir-rata stabbilita taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, u dak l-ammont għandu wkoll jiġi kalkulat fuq bażi *pro rata*;

Iżda –

(a) l-ewwel tlett ijiem ta' kull talba għal-*leave* tal-mard għandhom jitħallsu b'nofs paga mill-prinċipal;

(b) ċertifikat mediku li jkopri l-perjodu tal-assenza għandu jiġi ppreżentat lill-prinċipal fil-ġurnata tar-ritorn lura għax-xogħol jew, jekk dak il-perjodu ta' assenza jaqbeż sebat ijiem, fi żmien sebat ijiem mill-bidu tal-assenza minħabba *leave* għall-mard;

(ċ) impjegati li jirċievu pensjoni tas-sigurtà soċjali fir-rigward ta' irtirar jew benefiċċju tar-romol skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali għandhom, għall-iskop ta' kalkolu ta' ħlas tal-*leave* għall-mard dovut, jitqiesu li rċevew ammont ugwali għal nofs is-somma stabbilita bħala dritt tal-benefiċċju għall-mard bir-rata stabbilita taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali.

(3) Il-prinċipal jista' jitlob ċertifikat mediku maħruġ mit-tabib tiegħu li jiċċertifika inkapaċità għax-xogħol matul il-perjodu ta' assenza.

(4) Id-dritt ta' *leave* għall-mard mogħti bis-saħħa ta' dan il-paragrafu għandu jiġi kalkolat fuq il-bażi provduta għal-*leave* annwali kif speċifikat fir-regolament 8(1) tar-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni tal-Ħin tax-Xogħol.". A.L. 247 tal-2003.